MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2013

Numru. 1132/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Haber)**

**vs.**

**Ibrahim Abdella Muhammed**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Ibrahim Abdella Muhammed, 31 sena nazzjonalita’ Etiopiana, mwieled f’Harar, l-Etiopia fl-1 ta’ Novembru 1982, iben Muhammed u Radia, numru moghti mill-Pulizija 07LL-028;

Akkuzat talli fl-14 ta’ Novembru, 2013 u fil-jiem ta’ qabel f’dawn il-gzejjer iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f’passaport, jew uza jew kellu fil-pussess tieghu passaport, li hu kien jaf li gew iffalsifikati, imbiddla jew sar

xi tibdil fihom f'isem Hassan Ahmed Abdi bin-numru 11AX815131 rispettivament (Kap 61, Sec 5 tal-Ligijiet ta' Malta).

Kif ukoll talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokumenti ohra iffalsifikati, fid-dokumenti fuq imsemmija (Kap 9, Sec 189 tal-Ligijiet ta' Malta).

Kif ukoll talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ffalsifika xi dokumenti jew kopji vera ta' dokumenti jew registrazzjonijiet maghmula skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1d) tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz il-kunsens moghti mill-Avukat Generali bis-sahha ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, sabiex dan il-kaz jigi ttrattat bil-procedura sommarja, u wara li rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Wara li rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni, u senjatament li l-piena massima ghal dawk l-imputazzjonijiet kienu ta' sentejn prigunerija, u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputat stess, il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, u l-fatt li huwa ikkopera mal-pulizija.

Ikkunsidrat ukoll li ghal fini ta' piena, it-tieni u t-tielet imputazzjoni huma assorbiti fl-ewwel imputazzjoni.
L-abbli difensur tal-imputat issottometta li l-imputat ikkometta dan ir-reat mhux ghax hu xi kriminal, pero ghax kien qieghed ifittex hajja ahjar u gdida mal-familja tieghu. Pero, kif irriteniet il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza **The Police vs David Abekunde et** deciza fid-9 ta' Gunju 2009, "*The Court must make it absolutely clear at the outset that it considers border security to be a very important and a very serious matter, and that any attempt to bypass, breach or otherwise circumvent such security by means which are illegal must consequently be regarded as a very serious offence..... This Court is of the view that as a general rule, such cases should be met with a prison sentence with immediate effect and that always as a general rule, anything short of an immediate prison sentence amounts to a very myopic view of the whole issue of border security… …*"

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 5 tal-Kapitolu 61, l-Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 u l-Artikolu 32(1)(d) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal piena ta' sitt (6) xhur prigunerija effettivi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------